MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

## GUDIKATUR
## RAPHAEL FENECH ADAMI

Seduta tal-15 ta' Dicembru, 2006

Talba Numru. 974/2004

**Neil Gatt**

**vs**

**Scott Andrew Kerr**

**It-Tribunal,**

Ra l-Avviz fl-ismijiet premessi prezentat fis-7 ta Mejju 2004 fejn intalab li l-konvenut ghandu jigi kkundannat ihallas lill-attur is-somma ta mija tnejn u sebghin lira sebgha u hamsin centezmu (Lm172.57) rapprezentanti hsarat kagunati fil-vettura tal-attur numru JAA 341 f'incident stradali li sehh nhar it-12 ta Lulju 2003 gewwa l-parking area faccata ta TGI Friday Restaurant f'Tas-Sliema ghal

liema ncident l-istess konvenut kien unikament responsabbli meta
kien qed isuq il-vettura numru SCT 711.
Bl-ispejjes inkluzi dawk tal-ittra nterpellatorja datata 20 ta Settembru 2003 u bl-imghax legali sad-data tal-effettiv pagament kontra l-konvenut ingunt ghas-subizzjoni.

Illi permezz ta risposta datata 4 ta Novembru 2004 il-konvenut eccepixxa li kien l-istess attur unikament responsabbli ghall-incident stradali u ghalhekk il-konvenut ma jahti xejn oltre ghall-fatt li d-danni pretizi huma ezagerati u b'riserva ghal prezentata ta eccezzjonijiet ulterjuri. Bl-ispejjes.

Ra l-provi prodotti nkluz id-dokumenti esebiti.

Sema t-trattazzjoni orali tal-abbli difensuri tal-partijiet.

Ikkunsidra.

Illi l-incident stradali in kwistjoni sehh gewwa *parking area* f'tas-Sliema fejn il-Fortizza meta l-attur kien dahal hemm biex ifittex parking filwaqt li l-konvenut kien qed jaghmel manuvra bir-reverse. In kontro-ezami huwa jsostni li fil-mument tal-impatt huwa kien ghal kollox wieqaf jiccekkja ghal parking space filwaqt li l-konvenut irriversja ghal go fih.

L-attur isemmi fil-qosor ferm fl-affidavit tieghu kif sehh l-incident u jsemmi avvenimenti ohra li graw wara li ma humiex daqstant rilevanti ghal ricerka ta responsabbilita. Jesebixxi pero diversi dokumenti rilevanti ghal prova tal-kwantum tad-danni. Dwar din il-prova ta l-ahhar l-attur ressaq ukoll bhala xhieda lil panel beater Mario Calleja

Dak li jghid fl-affidavit pero jaqbel perfettament mal-verzjoni li huwa kien ta a tempo vergine lill-pulizija skond ma kif jirrizulta fir-rapport esebit a fol 21 tal-process. Jinsab korroborat ukoll permess tal-affidavit rilaxxjat minn Steve Mercieca xhud okulari tal-incident in kwistjoni.

Fir-rapport tal-pulizija, huwa sinifikanti l-fatt li anke l-konvenut jikkonferma li l-impatt sehh hekk kif huwa kien qed jaghmel il-manuvra ta reverse. Din l-affermazzjoni jerga jikkonfermha fix-xhieda li huwa ta bil-gurament tieghu. Huwa jghid *"Naqbel illi jiena hbatt fil-vettura tal-attur fil-mument meta jiena kont qieghed naghmel il-manuvra tar-reverse. Qabel ma bdejt nirriversja jiena harist madwari, vverifikajt illi ma kienx hemm vetturi madwari u ghalhekk bdejt nirriversja".* Ma jghidilniex pero jekk fil-fatt baqa jhares madwaru fil-mument attwali tal-manuvra ta reverese. Huwa pero jipprova jitfa htija fuq l-attur peress li jallega li Gatt ipprova jghaddi minn warajh fejn ma kienx hemm spazju. In kontro-ezami pero l-konvenut ighid li ma kienx hemm dan l-ispazju il-ghaliex huwa kien qed jirriversja tanti illi li kieku hu kien wieqaf kien ikun hemm spazju mnejn ighaddi l-attur. Din ic-cirkostanza ta l-ahhar imsemmija mill-konvenut ma tantx tidher kredibbli jekk semplicement wiehed jaghti daqqa t'ghajn lejn l-iskizz a fol 23 tal-process minn fejn jirrizulta li l-attur fil-fatt mhux biss kellu spazju minn fejn ighaddi izda li l-istess attur kien qieghed diehel fuq in-naha t-tajba cioe kien miexi fuq ix-xellug filwaqt li l-konvenut kien qed jostakola ghal kollox il-passagg liberu gewwa dak il-parking area bil-manuvra tieghu ta reverse. Oltre dan jigi osservat ukoll li l-obbligu tal-proper look out f'kaz simili u tista tghid fil-kazijiet kollha ta reversing jinkombi fuq is-sewwieq li qed jaghmel tali manuvra u mhux fuq il-vetturi l-ohra li jkunu ghaddejjin ghall-affari taghhom. Fil-fatt fuq domanda tat-Tribunal il-konvenut jikkonferma li lill-attur "*Rajtu biss fil-mument tal-habta"* u li *"f'ebda mument ma rajtu qabel il-habta".* Din l-affermazzjoni wahedha ghandha turik x'tip ta proper look out u b'liema diligenza kien qed jaghmel il-manuvra ta reverse il-konvenut. Fil-fatt il-konvenut stess immarka b'salib ikhal kemm lahaq mexa bir-reverse sakemm dahal fil-vettura tal-attur.

Ghaldaqstant in vista tal-konsiderazzjonijiet hawn fuq maghmula, t-Tribunal qieghed jaqta u jiddeciedi dan il-kaz billi jiddikjara li l-konvenut Scott Andrew Kerr kien unikament responsabbli tal-incident in kwistjoni kwindi jichad l-eccezzjonijiet sollevati minnu, jilqa t-talbiet tal-attur u konsegwentement jikkundanna lill-istess konvenut

ihallas lill-attur is-somma kif mitluba fl-ammont ta mija u tnejn u sebghin lira sebgha u hamsin centezmu (Lm172.57) bl-imghaxijiet legali dekorribbli mid-data tan-notifika ta dan l-avviz u bl-ispejjes kollha ta din l-istanza kontra l-istess konvenut.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------